

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1175/2010**tal-10 ta' Diċembru 2010**

dwar il-prezzijiet tal-bejgħ taċ-ċereali bi tweġiba għat-tieni stedinet individwali għal sejħa għall-offerti fil-proċeduri ta' sejħiet għall-offerti miftuħa skont ir-Regolament (UE) Nru 1017/2010

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet spċifici għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (¹), u partikolarmen l-Artikolu 43(f) tiegħu, flim-kien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1017/2010 (²) fetaħ il-bejgħ taċ-ċereali permezz ta' proċeduri ta' sejħiet għall-offerti skont il-kundizzjonijiet ipprovduti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1272/2009 tal-11 ta' Diċembru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni ddetjalji għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fdak li għandu x'jaqsam max-xiri u l-bejgħ ta' prodotti agrikoli taħt intervent pubbliku (³).
- (2) Skont l-Artikolu 46(1) tar-Regolament (UE) Nru 1272/2009 u l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1017/2010, fid-dawl tas-sejħiet għall-offerti li jkunu waslu bi tweġiba għal stedinet individwali għal sejħa għall-offerti, il-Kummissjoni għandha tiffissa għal kull ċereali u għal kull Stat Membri prezz minimu tal-bejgħ jew tiddeċċiedi li ma tiffissahx.

(3) Fuq il-bażi tas-sejħiet għall-offerti li jkunu waslu għat-tieni stedinet individwali għal sejħa għall-offerti, ġie deċiż li għandu jkun iffissat prezz minimu tal-bejgħ għal ċertu ċereali u għal ċerti Stati Membri u ma għandux ikun iffissat prezz minimu tal-bejgħ għal ċereali oħra u għal Stati Membri oħra.

(4) Sabiex jingħata sinjal malajr lis-suq u biex tiġi żgurata ġestjoni effiċċenti tal-miżura, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għat-tieni stedinet individwali għal sejħa għall-offerti għall-bejgħ taċ-ċereali fil-proċeduri ta' sejħiet għall-offerti miftuħa skont ir-Regolament (UE) Nru 1017/2010, fir-rigward ta' liema, il-limitu ta' żmien għas-sottomissioni ta' sejħiet għall-offerti skada fit-8 ta' Diċembru 2010, id-deċiżjonijiet dwar il-prezzijiet tal-bejgħ għal kull ċereali u għal kull Stat Membri huma stabbiliti fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2010.

*Għall-Kummissjoni,
fissem il-President,*

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agricolture u l-Iżvilupp Rurali

(¹) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

(²) ĠU L 293, 11.11.2010, p. 41.

(³) ĠU L 349, 29.12.2009, p. 1.

ANNESS

Deċiżjonijiet dwar bejgħ

(EUR/tunnellata)

Stat Membru	Il-prezz minimu tal-bejgħ		
	Qamħ komuni	Xgħir	Qamħirrun
	Kodiċi tan-NM 1001 90	Kodiċi tan-NM 1003 00	Kodiċi tan-NM 1005 90 00
Il-Belġju	X	X	X
Il-Bulgarija	X	X	X
Ir-Repubblika Ċeka	214	175,01	X
Id-Danmarka	X	191,01	X
Il-Ġermanja	X	185	X
L-Estonja	X	175	X
L-Irlanda	X	X	X
Il-Ġreċja	X	X	X
Spanja	X	X	X
Franza	X	—	X
L-Italja	X	X	X
Ċipru	X	X	X
Il-Latvja	X	X	X
Il-Litwanja	X	176,2	X
Il-Lussemburgo	X	X	X
L-Ungernja	X	174	X
Malta	X	X	X
Il-Pajjiżi l-Baxxi	X	X	X
L-Awstrija	X	184,65	X
Il-Polonja	X	X	X
Il-Portugall	X	X	X
Ir-Rumanija	X	X	X
Is-Slovenja	X	X	X
Is-Slovakkja	X	175,1	X
Il-Finlandja	194,57	174,5	X
L-Isvezja	X	—	X
Ir-Renju Unit	X	199,08	X

(—) L-ebda prezz minimu tal-bejgħ iffissat (l-offerti kollha ġew miċħuda)

(€) L-ebda offerta

(X) L-ebda ċereali ma huma disponibbli għall-bejgħ

(#) Mluxx applikabbli